MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 944/1999/1

**Citazzjoni numru 944/99 GC**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Michelina Calleja**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (Awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-

konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf tmin mija u hamsa u tletin Lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1835.48) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 378747;

Illi interpellata biex thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmin mija u hamsa u tletin Lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1835.48);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-1 ta' Frar 1999 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante illi la qatt kien dovut u lanqas hu dovut kont fl-ammont pretiz ta' elf, tmin mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1835.48), in konnessjoni ma' servizz tat-telefon 313204, kif jirrizulta ukoll ampjament mill-anness kont, immarkat Dok AA;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta fejn gie eccepit:-

1. Illi l-pretensjoni tas-socjeta attrici ghall-ammont kif mitlub ta' Lm1835.48 ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante illi tali kont qawwi irrizulta b'tort u htija tas-socjeta attrici jew ta' impjegati taghha minhabba nuqqas ta prudenza, diligenza u l-hsieb ta' misier tajjeb tal-familja jew minhabba nuqqas ta' hila fit-twettiq ta' xogholhom;

2. Illi l-konvenuta ghall-ahhar ta' Settembru 1996 tat struzzjonijiet specifici lill-ufficjali tas-socjeta attrici sabiex is-servizz tat-telefon bin-numru 378747, irregistrat fuqha pero' godut minn terza persuna li baqghet inadempjenti fil-hlas jinqata immedjatament u minhabba n-nuqqassijiet premessi, is-socjeta attrici damet sew qabel am ezegwit il-qtugh;

3. Illi t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenuta, hija gustifikata biss kwantu ghal-bilanc ta' Lm880.58 cioe' l-kont pendenti sat-30 ta' Settembru 1996 kif indikat fl-anness dokument "MC2" u ghandha tigi respinta ghall-kumplament tal-pretensjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta, annessa mal-eccezzjonijiet ulterjuri u debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-konvenut u x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed tippretendi li ghandha tiehu minnghand il-konvenuta s-somma ta' elf tmin mija u hamsa u tletin liri maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1835.48) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 378747;

Il-konvenuta teccepixxi li l-kont relattiv tela' ghal dawn l-ammonti b'tort u htija tas-socjeta attrici u dana peress li ghall-ahhar ta' Settembru 1996 il-konvenuta tat struzzjonijiet specifici lis-socjeta attrici sabiex is-servizz tat-telefon in kwestjoni jinqata immedjatament u da parti taghha s-socjeta attrici damet ma ezegwit din l-ordni. Il-konvenuta taqbel li s-servizz in kwestjoni hu registrat fuqha pero' l-istess servizz kien qed jitgawda minn terzi. Fl-ahhar nett il-konvenuta tammetti li ghandha thallas lis-socjeta attrici biss is-somma ta' Lm880.58 cioe' l-kontijiet pendenti sat-30 ta' Settembru 1996, cioe' sa meta inghataw l-imsemmija struzzjonijiet;

Il-konvenuta ma ppruvatx dawn il-pretensjonijiet taghha b'mod sufficjenti;

Meta l-konvenuta ddeponiet f'dawn il-proceduri ma kinitx ghal kollox konvincenti. Il-konvenuta tghid li kienet kriet lill-wiehed barrani l-fond fejn jinsab istallat is-servizz tat-telefon in kwestjoni. Dan l-inkwilin barrani la kien ihallas il-kera u lanqas ma kien jgib il-kontijiet tat-telefon u l-hlasijiet relattivi. Ghalhekk skond il-konvenuta marret ghand is-socjeta attrici sabiex tissospendi s-servizz tat-telefon in kwstjoni. Il-konvenuta ssostni li, nonostante li tat l-istruzzjonijiet sabiex tinqata l-linja tat-telefon in kwestjoni, s-socjeta attrici naqset li tesegwxxi din l-ordni minnufih. Ma jistax jinghad pero' li jirrizulta sufficjentement li l-konvenuta tat dawn l-istruzzjonijiet. Fil-fatt ma gie prodott l-ebda dokument li juri li l-konvenuta tat dawn l-istruzzjonijiet. Il-konvenuta tghid li meta tat dawn l-istruzzjonijiet kien ghall-habta ta' l-ahhar tas-sajf tas-sena in kwestjoni. Il-konvenuta qalet ukoll li ma tafx lill minn kelmet ghand is-socjeta attrici meta tat l-imsemmija istruzzjonijiet;

In effett giet prodotta kopja ta' talba sabiex jigi sospiz is-servizz in kwestjoni. (Vide dokument AA1 - fol.40). Din it-talba tirrizulta ffirmata minn bint il-konvenuta Carmen Brincat ghan-nom ta ommha u hi ddatata 11 ta' Novembru 1996. Il-konvenuta, inverosimilment, tghid li ma tafx biha din it-talba ffirmata minn bintha. Anke l-imsemmija bint il-konvenuta, Carmen Brincat, ukoll inverosimilment, qalet li ma tafx biha din it-talba ghalkemm gharfet il-firma taghha fuq l-imsemmi dokument. Carmen Brincat qalet ukoll li kienet marret ghand is-socjeta attrici darba wahda biss ma ommha u dana x'aktarx li kien ghall-habta ta' Settembru. Dan kollu jikkontrasta mal-fatt li hemm talba iffirmata minnl-istess Carmen Brincat bid-data ta' Novembru 1996;

Il-mara tat-tifel tal-konvenuta, li kienet akkumpanjat lill-konvenuta u lill bint il-konvenuta ghand is-socjeta atrici, qalet li tiftakar biss f'din l-okkazzjoni meta marret ghand is-socjeta attrici pero' ma eskluditx li seta kien hemm drabi ohra. Qalet li ma tiftakarx id-data meta marru ghand is-socjeta attrici;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenuta f'Settembru 1996 tat istruzzjonijiet lis-socjeta attrici biex jigi sospiz is-servizz tat-telefon in kwestjoni;

Ufficjal tas-socjeta attrici xehed li l-kont in kwestjoni ghandu jonqos jekk tittiehed bhala tajba d-data tal-11 ta' Novembru 1996 bhala d-data tat-talba ghas-sospensjoni tas-servizz tat-telefon in kwestjoni. Ghalhekk l-ammont mitlub ghandu jonqos ghas-somma ta' elf hames mija u seba liri maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm1507.61);

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghandhom jigi rigettati pero' fl-istess hin it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti pero' limitatament ghal-imsemija somma ta' elf hames mija u seba liri maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm1507.61);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u billi tilqa t-talbiet attrici pero' limitatament ghas-somma ta' elf hames mija u seba liri maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm1507.61) dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 378747 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------